# 11. Ħafna Lbiesi

Is-Sultana ta' ġol-ġnejna
b'ħafna lbies tħobb tkun imżejna,
u għalhekk mal-ħajt tal-ġnien
tħobb iddendel ħafna lbiesi ta' kull lewn minn żmien għal żmien.

Meta trid xi libsa bajda
taqbad tilbes ġiżimina;
meta trid bejn abjad w ikħal
taqbad tilbes il-pjombina;
meta trid lilà jew roża
stella maris tibes fina:
meta trid xi libsa tgħajjat
bugonvilla titfa' fuqha
lewn id-demm ta' baqra smina
jew il-għalla ta' għattuqa;
meta lewn safrani tagħżel
tieħu x-xitla b'isem l-għasel;
meta trid ħafna tlellix
kampanella tilbes fis,
jew inkella li "sweet peas";
għandha libsa għal kull żmien,
dik tal-liedna mingħajr lwien;
iżda l-aktar ilbies ħlejju
hija l-libsa li tixxebblek mal-ħitan bil-ward ta' Mejju.

W hekk tal-masġar is-Sultana
b'ħafna lbies dejjem ferħana.